**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 71/2024**

**27 ta' Marzu 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier (Online) |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**71.01 Talba**

71.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**71.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

71.02.01 Id-DSE informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**71.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 70-24**

71.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 70-24 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

**71.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.04.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Perit ta' Project Green rigward il-proġett tal-ġnien fejn l-*iSculpture Garden* u kienet talbet il-pjanti ta' kif ġej il-ġnien li ntwerew lill-Kunsillieri. Hija qalet li x-xogħlijiet fuq il-ġnien għandhom jitlestew sal-aħħar tal-2024. Hija nfurmat li staqsiet ukoll dwar il-*conrete bricks* u ġiet infurmata li dawn ser ikunu bħal dak tan-naħa l-oħra filwaqt li rigward il-ġebel l-antik, dak li kien għadu tajjeb reġa' ntuża filwaqt li kien sol tneħħa.

71.04.02 Is-Sindku uriet kif ġejja l-kalamita li ser jagħmel ir-Reġjun Nofsinhar fejn bil-*QR Code* li ser ikun hemm fuq il-kalamita', wieħed ser ikun jista' jikseb informazzjoni dwar Santa Luċija. Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex ma' kienx hemm verżjoni bil-Malti u s-Sindku wieġbet li suppost għandu jkun hemm anke verżjoni bil-Malti.

71.04.03 Is-Sindku semmiet li fuq talba tagħha kienet ser issir laqgħa *on-site* dwar tindif tal-Hypogeum li jinkludi l-qlugħ ta' siġra tal-akaċja. Hija wegħdet li ser iżomm lil-Kunsill *updated*.

71.04.04 Is-Sindku rriferiet għal korrispondenza mingħand is-Soċjeta San Gabriel ta' Ħal Tarxien sabiex jinħaraq in-nar mill-konfini ta' Santa Luċija. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ in-*No Objection* però niktbu lil Pulizija sabiex niżguraw li kollox ikun skont il-liġi. Ġie deċiż ukoll li mmexxu sabiex inqabbdu xi esperti sabiex niċċekkjaw il-livell tal-ħsejjes waqt il-ħruq tan-nar.

71.04.05 Is-Sindku tkellmet dwar ir-riżenja tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipali fejn irringrazzjatha tal-ħidma tagħha u qalet li konna ksibna l-permess sabiex noħorġu l-vakanzi għal Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11) u Skrivan/a *Part-Time* (Skala 15). Hija qalet li sa issa ħriġna l-applikazzjoni b'mod intern. Hija qalet ukoll li konna żidna ħaddiem tal-RSSL li ġie trasferit magħna minn Kunsill ieħor. Hija qalet li dan huwa ħaddiem kapaċi ħafna fix xogħol bl-injam u l-ġebel. Hija qalet ukoll li konna tlabna lir-Reġjun sabiex jgħin fil-ħaddiema klerikali u dawn offrew persuna li tkun tista' tiġi darbtejn fil-ġimgħa filwaqt li kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal ħaddiem/a klerikali taħt l-iskema SPI/SCI/06/2024.

71.04.06 Is-Sindku nfurmat li grazzi għal *Task Force* li qed tieħu ħsieb l-*upgrade* ġenerali fl-irħula, f'dawn il-ġranet ser ikunu qed jinbidlu t-tabelli ġewwa l-l-lokalità' li jew tilfu l-kulur minħabba x-xemx jew li hemm bżonn li jinbidlu. Hija qalet li fil-ġranet li għaddew diġà sar *refreshing* ta' diversi sinjali tat-traffiku mill-istess *Task Force*.

71.04.07 Is-Sindku nfurmat li konna ġibna kwotazzjoni sabiex issir l-art ġewwa l-*gazebo*. Hija qalet li hemm problema bid-dizlivell u huwa għalhekk li l-istimi qed jiġu daqsxejn għoljin. Kien hemm qbil li l-art għandha tkun tal-injam (*parquet*).

71.04.08 Is-Sindku nfurmat li konna ġibna l-*quotations* sabiex isir l-irħam quddiem Flats Indipendenza u li konna għażilna l-orħos waħda. Dwar dan kien hemm qbil.

71.04.09 Is-Sindku nfurmat li l-Enemalta nfurmawha li x-xogħlijiet tat-trinek kien ser jibda fil-bidu ta' April.

71.04.10 Is-Sindku nfurmat li f'April trid issir il-Laqgħa tal-Lokalità. Ġie deċiż li din issir fit-23 t'April fis-6:00 pm qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

71.04.11 Is-Sindku nfurmat li kienet qed torganizza żjarat għal Sqallija fit-30 ta' April u l-prezz ser ikun ta' €100.

71.04.12 Talba mingħand ir-*Right 2 Smile* sabiex minn Settembru kull nhar ta' Erbgħa jibdew jużaw it-*Tea Room*. Dwar dan kien hemm qbil.

71.04.13 Is-Sindku semmiet l-applikazzjoni PA0650/22 li ġiet approvata iżda ma hemmx bażi fuq xiex nappellaw. Rigward l-applikazzjoni 1159/24 konna bagħtna l-oġġezzjoni tagħna.

71.04.14 Is-Sindku nfurmat li l-ispiża sabiex issir targa fil-van sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jirkbu u jinżlu mingħajr problema kienet ser tiġi tiswa €1,600. Din ġiet approvata unanimament u ġie deċiż ukoll li jekk ikun possibbli, jsir anke *handle*. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li niddiskutu l-operat tal-van sabiex ikun jista' jintuża iktar mir-residenti. Dwar dan kien hemm qbil.

71.04.15 Is-Sindku nfurmat li konna ksibna d-devoluzzjoni tal-Latrina Pubblika ta' fejn il-bandli u għalhekk issa stajna noħorġu t-*tender* sabiex dawn isiru *Smart Toilets*.

71.04.16 Is-Sindku nfurmat li fuq talba tagħha, l-Awtorità tad-Djar kienet qed tniedi għajnuna sabiex jitranġa l-komun ta' 4 blokok flats li huma S, T, U u V. Hija qalet li bħas-soltu konna ser inkellmu lir-residenti sabiex naraw jekk humiex interessati f'din l-iskema. Jekk ma jkunx hemm qbil dwar amministratur, l-iskema tipprovdi li s-Sindku jista' jkun l-amministratur. Kien hemm qbil li f'każ ta' bżonn nerġgħu inkellmu lill-Awtorità sabiex l-iskema taqa' fuq blokk ieħor.

**71.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

71.05.01 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk sarux is-CCTV fi Ġnien Simbjożi u s-Sindku nfurmat li konna għadna qed nistennew il-*Compliance Certificate* sabiex napplikaw għad-dawl u l-ilma.

71.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kienx hemm żviluppi dwar il-proposta sabiex il-parkeġġ tal-Knisja jibda jintuża mill-Pulizija sabiex il-parkeġġ fit-triq jibqa' jintuża mir-residenti. Is-Sindku nfurmat li kienet għadha trid tkellem lill-Kappillan dwar dan.

71.05.03 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar l-offerti dwar il-*fencing* tal-ground 5-a-Side. Is-Sindku nfurmat li l-proċess tal-aġġudikazzjoni kien wasal fl-aħħar.

71.05.04 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar ir-reklamar fil-*pitch* tal-Boċċi. Id-DSE informa li l-Kunsill jista' jisponsorja *Boards* informattivi bħall-ħinijiet tal-uffiċċju/librerija, is-sistema tal-permessi *online* eċċ. Kien hemm qbil li jsiru 3 *boards*.

71.05.05 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar ir-ranep/*stairlifts* sabiex jintużaw il-fondi li ksibna mingħand l-Awtorità tad-Djar. Id-DSE informa li t-*tender* għal dan ix-xogħol kien ser jigi ppubblikat fil-ġranet li ġejjin. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li ssir laqgħa apposta sabiex tiġi deċiża l-prijorità' tal-blokok sabiex ser isiru dawn l-interventi.

71.05.06 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar l-ilma minħabba l-qlib quddiem Blokk 7. Is-Sindku qalet li kienet infurmat lill-Ministru Bonnett dwar dan il-każ u konna ser nkomplu nsegwu.

71.05.07 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar in-numru ta' karozzi elettrici li huma rreġistrati fuq Santa Lucija kif ukoll dwar karozzi tal-Linja elettriċi fuq ir-rotot ta' Santa Luċija. Id-DSE informa li l-informazzjoni dwar in-numru ta' vetturi elettriċi kien ser jgħaddiha lill-Kunsillier filwaqt li rigward il-vetturi tal-linja, qabel ma jkun hemm *charging points* ġewwa l-venda tal-Marsa minfejn jitilqu l-karozzi fuq ir-rotta ta' Santa Lucija, mhux ser ikun possibbli li jkun hemm dawn it-tip ta' vetturi.

71.05.08 Il-Kunsillier Sciberras reġa' talab il-Minuti tad-diversi laqgħat li kienu saru u DSE informa li kien ser jgħaddihom lill-Kunsillieri llum stess.

71.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk ir-reċipjent tal-iskart kienx sar fi Triq Kamelja kif approvat u s-Sindku nfurmat li kellu jsir din il-ġimgħa.

71.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-tabella li tindika li mit-Triq tal-Barrani tista' tidħol Santa Luċija peress li kienet għadha ma saritx u s-Sindku rrispondiet li kienet għamlet it-talba għaliha mat-tabelli li ser isiru mit-*Task Force* imsemmija aktar il-fuq.

71.05.11 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kienx hemm żviluppi dwar il-*fencing* isfar li sar fil-proġett tal-Awtorità tad-Djar. Is-Sindku nfurmat li kienet kellmet lis-CEO tal-Awtorità u qed tistenna risposta fejn jistgħu jiġu rilokati.

71.05.12 Il-Kunsillier Sciberras staqsa huwiex possibbli li jsiru *Sleeping Policeman* f'Dawret it-Torri u s-Sindku nfurmat li rridu nagħmlu talba lil-Transport Malta. Huwa talab li jsir infurzar mill-Pulizija tal-Komunità fuq is-*Sleeping Policeman* għax ħafna drabi qed jiġu njorati.

71.05.13 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jistax il-Kunsill jagħmel pressjoni sabiex issir rampa quddiem l-uffiċċju tas-Servizz.gov ġewwa Paola. Id-DSE informa li kien ser jiċċekkja dan jistax isir.

71.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux possibbli li waqt l-eżamijiet tal-*O Levels* li jsiru ġewwa Santa Luċija ikun hemm il-presenza tal-Pulizija tal-Komunità sabiex jirregolaw it-traffiku. Is-Sindku nfurmat li dan diġà sar is-sena l-oħra u li anke din is-sena konna ser nagħmlu talba f'dan is-sens. Hija qalet ukoll li kienet ser titlob lil-kap tal-iskola sabiex jinfurmana kull darba li ser ikollu xi attività sabiex anke hawn jintbagħatu l-Pulizija tal-Komunità.

71.05.15 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li jsiru *bollards* sabiex ma jidħlux fi Pjazza 7 ta' Lulju. Ġie deċiż li jsiru *bollards* ħdejn il-LEAP.

71.05.16 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li jsiru *Bus Stops* speċifiċi għall-van. Is-Sindku nfurmat li dan mhux neċessarju peress li l-anzjani jinġabru u jitnizzlu viċin ir-residenzi. Ġie deċiż ukoll illi naraw l-ispejjeż involuti sabiex is-servizz jibda jiġi offrut anke s-Sibt.

**71.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

71.06.01 Id-DSE irrefera għall-iskema SPI/SCI/02/2024 maħruġa mid-DGL. Huwa qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni peress li din tagħlaq qabel il-laqgħa li jmiss. Wara intervent mis-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika sabiex jinbidel l-apparat tal-bandli, inkluż ir-*rubber flooring* tal-*Playing Field* fi Triq Inez Soler. Il-Kunsill qabel ukoll li jiffinanzja d-differenza bejn l-ammont mogħti mid-DGL u l-ispiża totali.

71.06.02 Id-DSE informa li konna rċivejna konferma li l-applikazzjoni tagħna sabiex isir ġemellaġġ ma Siracusa għal Diċembru 2024. Kien hemm qbil li nkellmu lis-SEM sabiex jinbeda l-proċess sabiex isir dan il-ġemellaġġ.

**71.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 71/24**

71.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti 71/24 ġiet approvata unanimament.

**71.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

71.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 23 ta' April 2024 fis-7:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tlieta 23 ta' April 2024.**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Fabian Mizzi**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**